# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Tlieta 16 t'April tas-sena 2002.**

**Numru   11**

**Avviz  numru   782/01/SM**

**Paul u Josephine konjugi Borg**

**vs**

**Jane Vassallo**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 ta' Settembru tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Illi fi zmien qasir u perentorju taht is-supervizjoni ta' perit nominand hi terga tibni u tirripristina fil-kondizzjoni originali tieghu l-hajt divizorju komuni separanti l-proprjeta' taghha fuq**

**imsemmija mill-proprjeta' ta' l-atturi fil-livell terran tieghu, liema hajt divizorju hi hattet abbuzivament u b'qerq, u fin-nuqqas taghha li taghmel dan li tigi kkundannata thallas il-valur tax-xogholijiet lill-atturi li jigu awtorizzati jezegwixxu tali xogholijiet a spejjez taghha;**

2. **Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 t'Awissu, 2001 bir-rizerva ta' kull dritt fil-Ligi, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni, "Dok. A";**

3. **Ghall-fini ta' kompetenza, jigi dikjarat li l-valur tax-xogholijiet mitluba ma jeccedix is-somma ta' mitt lira Maltin (LM100);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata it-22 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi preliminarjament il-gudizzju mhux integru stante li l-kawza ma gietx diretta wkoll kontra Giuseppe Vassallo u ghalhekk l-eccipjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju;**

2. **Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-inkompetenza ratione materiae u rationae valoris ta' din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikoli 47 (3) u 56 A rispettivament tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-eccipjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju;**

3. **Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-atturi ghandhom jiddikjaraw liema azzjoni qeghdin jezercitaw u cioe jekk hux dik possessorja jew dik petitorja stante li l-mod kif inhija kkonfezzjonata t-talba attrici facilment tista' tfisser sia wahda jew l-ohra mill-azzjonijiet u dan bi ksur tal-principju seleqtur una via. Fi kwalunkwe kaz l-azzjoni possessorja hija perenta, filwaqt li dik petitorja legalment inammissibbli fil-Qorti de quo, u ghalhekk l-eccipjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju;**

4. **Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-atturi ghandhom jipprovaw it-titolu fil-Ligi minnhom vantat;**

5. **Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma ghal kollox privi minn kull fondament sia guridiku u fattwali stante li kull ma wettqet il-konvenuta kien biss ezercizzju uti dominium tad-drittijiet proprjetarji taghha li akkwistat permezz ta' kuntratt notarili fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri tat-30 ta' Ottubru 1986 u di piu fi kwalukwe kaz kull ma sar dejjem sar bil-kunsens u l-approvazzjoni tal-konvenuti, kif jigi pruvat waqt il-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju;**

6. **Salvi eccezzjonijiet ohra bl-ispejjez;**

**Rat il-verbal datat id-19 ta' Frar tas-sena 2002 li permezz tieghu l-partijiet infurmaw lill-qorti li kienu qed jaqblu li jittrattaw it-tielet u r-raba' eccezzjoni preliminari;**

**Rat id-decizjoni preliminari datata s-16 ta' Jannar tas-sena 2002;**

**Rat in-nota tal-konvenuta datata l-15 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat in-noti ta' referenzi esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet limitatament fuq dawn l-eccezzjonijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi mix-xhieda tal-konvenuta jirrizulta li hi proprjetarja tal-fond fejn allegatament sar il-bini meritu ta' din il-procedura;**

**Illi allura ma jirrizultax li l-atturi ghandhom locus standi biex jipprocedu bil-procedura odjerna;**

**Għaldaqstant, din il-qorti filwaqt li tilqa' t-tielet u r-raba' eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta, tiddikjara li mhix kompetenti tipprocedi bil-kawza odjerna u konsegwentement tiddikjara l-procediment ezawrit.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**